MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2003

Numru 19/1998

**Artikoli 8, GN 292/1939, 49, 50**
**tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,**
**8(a)(b), 22(2)(b)(ii) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Pulizija**
**Supretendent Nicholas Ciappara**

**V**

**KENNETH ELLUL**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **KENNETH ELLUL** ta' tnejn w ghoxrin sena, bin Joseph Mary u Iris nee Caruana, imwieled Pieta nhar l-hmistax ta' Settembru 1974 u joqghod 103, Triq Tal Borg, Rahal Gdid, detentur tal-karta

tal-identita numru 444374M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fl-erbgha ta' Lulju 1997 u x-xahrejn ta' qabel din d-data;

a. kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din r-raza;

b. Talli fl-istess zmien u cirkostanzi biegh jew xort'ohra ttraffika fir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din r-raza;

c. Talli f'dawn il-Gzejjer matul Awissu 1997 u l-hdax il-xahar ta' qabel, kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess t'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond d-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanufattura jew jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-Regoli tal-1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi [G.N. 292/1939] kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

d. Talli f'dawn il-Gzejjer matul ix-xhur ta' Gunju, Lulju w Awissu tal-1997, forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga Eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lil persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna jew persuni minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess t'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib

Principali tal-Gvern skond d-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanufattura jew jforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regola 1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

e. Talli kkommetta dawn r-reati fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametri ta' skola, klabb jew Centru taz-zaghzagh jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zaghzagh;

f. Talli kiser il-kundizzjonijiet tal-artikolu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati tal-Magistrati (Malta) datati sbatax ta' Novembru 1994 minn Awla 9, sbatax ta' Mejju 1995 minn Awla 4, u tmintax ta' Jannar 1997 minn Awla 7.

g. Talli sar recidiv skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-sittax ta' Dicembru 1994 minn Awla 10.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom il-Fiat tal-Avukat Generali datat dsatax ta' Awissu 1997 moghti skond s-sub artikolu 2 tal-artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101) a fol 13 tal-process.

Rat l-kontr'ordni mahrug mill-Avukat Generali nhar il-hmsitax ta' Frar 2002 sabiex din il-kawza tigi trattat u deciza minn fin il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni kif wkoll dawk tad-Difiza.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-hdax ta' Gunju 2003 u ghalhekk fuq ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata maghmula quddiem l-Avukat

Difensur tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Dwar il-piena ikkunsidrat:

Il-Qorti qisiet ix-xhieda moghtija minn Karm Borg rappresentant ta' Caritas moghtija nhar t-tlettax ta' Marzu 2003 fejn spjiega li l-imputat ghaddej programm ta' rihabilitazzjoni f'San Blas b'mod residenzjali u li fil-fatt kien sejjer tajjeb hafna fis-sens li kien qed jobdi r-regolamenti kollha tal-programm u kien qed jikkopera bis-shih maghha.

Illi minn ezami tal-fedina penali tal-imputat esibita fl-atti a fol 5 et seq jirrizulta li l-imputat diga nstab hati ta' hames akkuzi tul medda ta' zmien mis-sena 1994 sal-1997 fejn instab hati fost akkuzi ta' serq, thedded lejn Ufficjal Pubbliku, ksur tal-paci pubbliku u pussess ta' droga fis-sena 1994.

Illi nonostante dawn l-akkuzi kollha, l-imputat qatt ma ntbaghat il-habs, dejjem inghata probation jew gie kkundannat jhallas multa u ghalhekk il-Qorti thoss li wasal iz-zmien li l-imputat ikun jaf xi tfisser piena ta' prigunerija.

Illi d-Difiza hasset li l-Qorti ghandha tkun klementi mal-imputat ghaliex ikkopera mal-Qorti u llum donnu biddel hajtu tant li qed jsegwi programm residenzjali.

Id-Difiza qajjmet wkoll l-kwistjoni li llum il-gurnata kif gie deciz minn din il-Qorti kif preseduta fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Jason (Jesmond) Cini** ***deciza nhar t-tnax ta' Frar, 2001,*** l-iskop ta' piena llum mhux dak ta' deterrent jew retribuzzjoni izda ta' rihalilitazzjoni. Naturalment il-Qorti taqbel ma dak premess pero naturalment il-Qorti ma tistax ma tikkundannax l-agir illegali tal-imputat u tikkreja bilanc bejn il-piena li ser taghti u l-interess tas-socjeta. Ghaliex wara kollox, l-imputat jifforma parti minn din s-socjeta u huwa jrid jirrintegra ruhu f'din l-istess socjeta.

Il-Qorti ma tistax thalli lil min jahseb li ma jistax jigi kkundannat ghal ghemilu una volta tali ghemil ikun mhux dak permess.

Illi jirrizulta mill-atti li l-imputat llum il-gurnata donnu gharaf t-triq t-tajba u cioe li ghandu jzomm ‘l boghod mill-kriminalita u cioe b’mod partikolari mit-traffikar ta’ droga pero jirrizulta wkoll li l-imputat diga nghata diversi cansijiet fil-passat u ghalhekk il-Qorti ma tistax taccetta li l-imputat ma kienx koxjenti ta’ dak li kien qed jaghmel jew ahjar li m’gharafx il-hazen ta’ dak li kien qed jaghmel.  Minn imkien ma jirrizulta li l-imputat ghamel dak li ghamel sabiex jzomm u jiffinanzja l-vizzju li kellu tad-droga.  Anzi, ghal kuntrarju, jirrizulta li l-imputat ghamel dak li ghamel ghal qliegh bhala *business*.

Ghalhekk ghalkemm huwa veru li l-imputat llum forsi tbiddel u qed jghix hajja biezla, xorta il-Qorti thoss li ghandha tikkundanna bil-qawwa kollha dak li ghamel tul s-sena 1997.  Il-Qorti tiehu pjacir tisma dwar il-progess li ghamel l-imputat u fil-fatt tawgura li jibqa fuq din t-triq t-tajba.

Il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi u partikolarment l-artikolu 8, GN 292/1939, 49, 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, 8(a)(b), 22(2)(b)(ii) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tiddikjara li **ssib lil imputat KENNETH ELLUL hati tal-akkuzi kollha moghtija fil-konfront tieghu u qed tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ sentejn minn liema perjodu ghandu jitnaqqas z-zmien li l-istess imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dan il-kaz.**

**Inoltre, tikkundanna lil imputat jhallas multa ta’ hames mitt lira maltin u f’kaz li din il-multa ma tithallasx din ghandha tigi konvertita fi prigunerija.**

**Il-Qorti mhux ser tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes tal-esperti l-ohra peress li dawn l-esperti gew nominati fi stadju tal-inkjesta u in linea tas-sentenza moghtija nhar s-sittax ta’ Jannar, 1996 mill-Qorti tal-**

**Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v Trevor Farrugia ma jistghux jigu addebitati lil imputat stante li gew inkorsi fl-inkjesta u mhux fil-kumpilazzjoni.**

**Naturalment il-Qorti taghti r-rakkommandazzjoni taghha lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin sabiex jghin lil imputat jkompli fit-triq t-tajba ta' kura li huwa qabad possibilment billi jkompli jsegwi l-istess kors residenzjali f'San Blas u dan bl-isperanza li meta jiskonta s-sentenza inflitta huwa jkun f'posizzjoni li jusufruwixxi ruhu minnha.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------